**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum, 3 ta' Diċembru, 2019**

**Rikors numru:- 5/2019 BS**

**AA**

**Vs**

**BB**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' AA fejn eccepiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu lil xulxin fil-Bażilika ta' CC, Għawdex fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed (2001) u minn dan iz-żwieġ ma tweldux tfal;

2. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn ma' xulxin, ininterrottament, sa mill-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) u llum huma legalment separati minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' firda personali li ġie ppubblikat minn Nutar Sylvianne Xerri Zahra fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013).

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli jew remot għal rikonċiljazzjoni bejniethom;

4. Illi ma hemmx diffikultajiet dwar manteniment bejn il-partijiet;

5. Illi l-esponenti tixtieq li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

6. Għaldaqstant l-istess esponenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

   a. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieg ċelebrat bejn il-kontendenti fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed (2001);

   b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mogħti lilu għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku (kemm ta' Malta kif ukoll ta' Għawdex) bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat in-nota ta' l-intimat li biha jiddikjara li mhux jopponi t-talba għad-divorzju.

Rat illi fl-atti hemm konferma bil-ġurament li l-partijiet ilhom mifrudin għal aktar minn erba' snin u li m'hemmx tama għal rikonciljazzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtiega għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2013 u ilhom għalhekk sitt snin mifrudin. Irriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Rat illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet iddikjaraw illi m'għandhom jitħallsu ebda alimenti lil xulxin u għalhekk irrinunzjaw reċiprokament ghal kull dritt ghall-alimenti spettanti li xi parti kontra l-oħra

u għalhekk jirriżulta li llum ma hu dovut l-ebda manteniment lill-parti jew oħra skont il-liġi.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Registratur